**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Jannar 2016**

**Rik. Nru. 1153/2012 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija MAD Ltd (C44940) li precedentement kien jisimha Bluewave Line Limited li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tal-15 ta` Lulju 2014**

**Il-Qorti :**

Rat l-atti li ngabu a konjizzjoni ta` din il-Qorti wara d-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc tas-socjeta` de qua.

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat il-bqija tal-atti.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

U billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija MAD Ltd. (C44940) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

U tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija MAD Ltd (C44940).

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**